MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 2224/1999/1

**Maria Galea**

**vs**

**Victor Galea**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-konjugi Maria u Victor Galea zzewgu fit-13 ta' Dicembru 1969.

Illi z-zwieg bejn il-partijiet tfarrak irrimedjabbilment billi l-konvenut irrenda ruhu hati lejn l-attrici ta' eccessi, mohqrija, sevizzi w ingurji u ghalhekk il-hajja konjugali bejn il-konjugi m'ghadhiex aktar possibbli.

Illi b'digriet 946/99 datat 27 ta' Lulju 1999 l-attrici giet awtorizzata tistitwixxi din il-kawza.

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premess:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet.

2 Tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attrici dik is-somma li joghgobha tiffissa bhala manteniment ghall-attrici u skond ilmodalitajiet li din l-istess Qorti joghgobha tiffissa.

3. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti gja' ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida u tiddividi l-istess f'porzjonijet skond il-ligi.

4. Tapplika kontra l-konvenut l-artikoli 48, 51, 52 jew kull artikolu iehor applikabbli skond il-ligi.

5. Tawtorizza l-attrici tirrisjedi fid-dar konjugali u tordna li l-konvenut ghandu jivvaka l-istess.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 6 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tal-5 t'April 2000 a fol. 11 fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament id-domandi tal-attrici huma ghall-kollox infondatati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt *stante* li l-komportament tal-attrici stess gab dizgwit u problemi fil-familja;

2. Illi fir-rigward tal-ewwel premessa ma huwa minnu xejn li l-konvenut irrendu ruhu hati kontra l-attrici ta' eccessi, mohqrija, ingurji u sevizzi, anzi ghall-kuntrarju kienet l-istess attrici li proprju rrendiet il-hajja konjugali ta'

bejniethom impossibli minhabba ragunijiet legalment u fattwalment fondati, fosthom anke abbandun tal-familja.

3. Illi l-konvenut ma ghandux ebda obbligu legalment sabiex imantni lill-attrici fid-dawl tal-amendi ghall-Kodici Civili u dana billi l-attrici ghandha l-kapacita', il-hin, l-arti u sengha, li tista' ssib impjieg u b'hekk ikollha x-xoghol;

4. Illi l-konvenut definittivament ma jaqbilx illi l-Komunjoni tal-Akkwisti ghandha tinqasam ugwalment bejn il-kontendenti, anzi l-attrici ghar-ragunijiet gja' ndikati f'din in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet, hemm lok li tiddekadi minn dak is-sehem spettanti lilha skond il-Ligi.

5. Illi ghar-rigward it-talba tal-attrici li hi tirrisjedi fid-dar matrimonjali dina hija ghal kollox kontestata *stante* illi hija telqet mid-dar minghajr ebda raguni valida skond il-Ligi.

6. Salv Eccezzjonijiet ohra ulterjuri

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 12 tal-process.

Rat il-verbal tat-22 ta' Mejju 2000 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Mariella Gonzi bhala Assistent Gudizzjarju biex tigbor il-provi, u dak tas-seduta tat-22 ta' Novembru 2000.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 6 ta' Marzu 2001 fejn talbet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex tipproduci bhala xhieda lir-rapprezentanti tal-banek u li dawn jigu lliberati mis-sigriet professjonali.

Rat ir-risposta tal-konvenut datata 16 t'April 2001.

Rat il-verbali tat-2 ta' Mejju 2001 fejn b'referenza ghat-talba fir-rikors attrici il-Qorti laqghat it-talba b'dan li l-istess xhieda tinzamm fi spoll separat u tkun disponibbli biss ghall-partijiet, id-difensuri taghhom u l-Qorti; tat-13 ta' Novembru 2001; tal-21 ta' Marzu 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; u tal-20 ta' Gunju 2002.

Rat ir-rikors tal-attrici Maria Galea tas-26 ta’ Gunju 2002 fejn talbet awment fl-ammont ta’ manteniment lilha mill-konvenut.

Rat ir-risposta tal-konvenut tas-17 ta’ Lulju 2002.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti datat 18 ta’ Lulju 2002 fejn il-Qorti cahdet it-talba, anke peress li l-kawza kienet waslet biex tigi konkluza.

Rat il-verbal tal-4 ta’ Dicembru 2002 fejn id-difensuri ddikjaraw li ghalqu l-provi, u fuq talba taghhom il-Qorti pprefiggiet terminu sa l-ahhar ta’ Jannar 2003 lill-attrici biex tipprezenta n-nota t’osservazzjonijiet taghha bil-visto/notifika lill-kontro-parti li jkollu sa l-ahhar ta’ Marzu 2003 biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 26 ta’ Gunju 2003.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, id-dokumenti hemm esebiti u x-xhieda hemm moghtija.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attrici datata 27 ta’ Mejju 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (a). PROVI PRODOTTI.

Illi din hija kawza ta’ separazzjoni istitwita mill-attrici sabiex tottjeni s-separazzjoni personali minn zewgha, fejn hija qed tallega li dak li ta lok ghall-istess firda kien il-komporatament tal-konvenut, kif indikat fil-premessi tac-citazzjoni minnha pprezentata. Naturalment hemm it-talbiet konsegwenzjali ghall-istess eventwali pronunzjament ta’ firda, bhal manteniment u likwidazzjoni u divizjoni tal-beni tal-komunjoni tal-akkwisti, u talbiet ohra li normalment jigu miltuba f’kawza bhal dik odjerna.

Illi l-attrici fix-xhieda taghha moghtija fil-14 ta’ Dicembru 2000 tallega li l-konvenut kien isawwatha t-tul kollu taz-zwieg taghhom l-fuq minn tletin (30) sena, tant li kemm-il darba sabet rifugju fid-dar ‘Mehba Bik’, izda wara kienet tirritorna ghaliex kienet tahfirlu.  Qaghdet ma’ zewgha minhabba t-tfal, u dan apparti li akkuzat li zewgha lanqas kien ihalliha tara lill-familjari taghha. Tallega wkoll li anke mat-tfal kien jimxi hazin, u fl-ahhar hija u bintha telqu mid-dar konjugali.

Illi bhala proprjeta’ sostniet li ghandha d-dar konjugali Triq id-Delu, Mosta u ghalqa in-naha ta’ fejn hemm il-‘Vibes’, u garage il-Mosta; kont il-Bank ta’ cirka Lm17,000; id-deheb taghha haditu.

Illi iben il-kontendenti **James Galea** fis-seduta tl-14 ta’ Dicembru 2000 jiddeskrivi lil ommu bhala skjava tal-konvenut missieru, u kkonfermat li l-konvenut ma kienx ihalli lil ommu tkellem lill-familjari taghha, kien issawwatha u kien ukoll jhedded lilha u lil uliedu anke sabiex ma jirrakkontawx dak li kienu jarawh jaghmel.

Illi hemm ix-xhieda wkoll ta’ bint il-kontendenti **Alexandra Borg** fis-seduta tal-31 ta’ Jannar 2001, u rrakkontat kif missierha ghalxejn b’xejn kien isawwat lil ommha, u ddeskriviet ukoll b’certu dettal kif kien jaghmel dan. Ikkorroborat dak kollu li qalet ommha dwar theddid li l-istess kienet isofri u li ma kienx ihalliha tara lill-familjari taghha.

Illi xehdet ukoll **Anne Cachia** fil-21 ta’ Frar 2001 li tahdem ‘Merhba Bik’ u din qalet li l-istess attrici marret fl-istess refugju almenu tliet darbiet ghaliex kienet suggetta ghall-*“physical and emotional abuse”.*

Illi **Alfred Camilleri,** fis-seduta tal-21 ta’ Frar 2001,  hu l-attrici xehed li rrakkonta kif l-istess konvenut kien mar ifittex lil martu ghand missieru u kien tah ukoll daqqa ta’ ponn fost theddid, u ghajjat u kliem hazin. Irrakkonta kif f’okkazjonijiet ohra ra lill-attrici bi tbengil.

Illi **Tony Camilleri,** hu l-attrici fl-istess seduta tal-21 ta' Frar 2001, irrakkonta l-istess incident li fih il-konvenut allegatament refa' jdejh fuq missier l-attrici u okkazjonijiet ohra fejn il-konvenut kien vjolenti u l-istess ghamel ix-xhud l-iehor **Leli Camilleri** fl-istess seduta.

Illi **Alfred Degabriele** xehed fis-seduta tal-1 ta' Awissu 2001 (fol. 63) u qal li l-konvenut kien spicca mix-xoghol ta' pulizija wara 30 sena servizz fit-30 ta' Jannar 1992, ta' sitta u erbghin (46) sena u kien ha pensjoni shiha, u ha somma ta' Lm6,000; wara ha d-differenza fil-pensjoni ta' Lm7,504.15, u b'hekk is-somma kollha li ha bhala pensjoni Lm24,623.42.

Illi **Paul Gambina** mis-socjeta' Bank of Valletta plc xehed fl-istess seduta (fol. 65) u sostna li fil-fergha tal-Mosta l-konvenut kellu tliet kontijiet:-

(a) *Interest Account No. 172 12730012* – Lm840.33.
(b) *Fixed Deposit Account No.* 17212730025 – Lm5,000.
(c) *Fixed Deposit Account No.* 17212730038 – Lm2,000.

Illi **Adrian Attard** mid-Dipartiment tas-Servizz Socjali xehed fl-10 ta' Ottubru 2001 u sostna li l-konvenut jircievi *'invalidity pension'* u dan b'effett mis-6 ta' Lulju 1996, u jircievi Lm23.24 fil-gimgha bhala pensjoni, Lm0.67 *additional bonus* u *bonus* Lm1.15 fil-gimgha (mhux kollha) ta' l-ahhar tas-sena. B'kollox l-istess konvenut jiehu Lm24.41 fil-gimgha. Mit-Tezor qed jinqataghlu Lm85 fix-xahar, u kien intitolat ghan-nofs il-*pension bonus* ta' kull gimgha u nofs ta' l-ahhar tas-sena, u esebixxa dak li l-konvenut jircievi bhala pensjoni li skond l-ahhar kalkolu ghas-sena 2001 kienet ta' Lm23.94 fil-gimgha minbarra Lm0.67 bhala *additional bonus* u Lm1.11c5 bhala *bonus ta*' l-ahhar tas-sena b'kollox ghalhekk Lm25.72c5 fil-gimgha, li ghal erba' gimghat jitla' ghall-Lm102.90. kollox skond kif indikat f'Dok. "AA1" a fol. 92.

Illi l-konvenut min-naha l-ohra qed jghid li huwa ghandu pensjoni ta' Lm150.08 fix-xahar li minnhom qed jaqtghulu Lm35 fix-xahar, u dan qalu fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2001.

Illi gew esebiti bhala dokumenti s-segwenti:-

(a) Skrittura datata 27 ta' Mejju 1998 ghall-akkwist tal-karozza 'Fiat' ghall-ammont ta' Lm3,495. – Dok. "MG1" a fol. 76 sa 78 tal-process.

(b) Kuntratt datat 19 ta' Dicembru 1987 ghall-akkwist tal-fond Triq id-Delu, Mosta bil-prezz ta' Lm6,000 – Dok. "MG2" esebit a fol. 79 sa 83 tal-process.

(c) Kuntratt datat 16 ta' Novembru 1990 ghall-akkwist tal-ghalqa "Tax Xwieki", kontrada tal-Qasbi, fil-limiti ta' B'kara u bicca ohra fil-kontrada ta' Giarda, fil-limiti ta' B'kara bil-prezz ta' Lm800 – Dok. "MG3" a fol. 84 sa 87 tal-process.

(d) Kuntratt datat 2 ta' Ottubru 1998 fejn gie akkwistat *garage* numru 7 fi triq gdida privata bla isem li tizbokka fi Triq il-Htajriet fil-Mosta, sottopost u sovrapost ghall-*garages* ohra *verso* l-prezz ta' Lm3,000 – Dok. "MG 4" a fol. 88 sa 91 tal-process.

(e) Dokument li juri l-pensjoni tal-konvenut – Pension No, 11/088260 – Dok. "AA1" esebit a fol. 92.

Illi mix-xhieda ta' **Michela Zammit** rapprezentant tal-HSBC Bank Malta plc fis-seduta tal-1 ta' Awissu 2001 sotniet permezz ta' dokumenti li hija esebiet li l-istess konvenut kellu s-segwenti depoziti bankarji.

(a) Fixed Deposit Account – HSBC No. 061 –085684 – 105 fl-ammont ta' Lm2,795.63 fid-data tal-21 ta' Gunju 2001, - Dok. "MZ1" a fol. 93.

(b) Fixed Deposit Account – HSBC No. 61 718 2033 fl-ammont ta' Lm2,130. – Dok. "MZ 2" esebit a fol. 94 tal-process.

(c) Savings Account – HSBC No 61 427 0802 fl-ammont ta' Lm959.38 fit-30 ta' Lulju 2001 – Dok. "MZ 3" u

Dok. “MZ 4”, “MZ5” u “MZ6” esebiti a fol. 95 sa 98 tal-process.

(d) Fixed Deposit Account 61 715 6059 li fit-3 ta’ Mejju 2001 kien jammonta ghal Lm1,000 – (Dok. “MZ 7” u Dok. “MZ 8”) esebiti a fol. 99 u 100 tal-process.

(e) Fixed Deposit Account No. 61 719 4686 li fis-16 ta’ April 2001 kien jammonta ghal Lm1,300 (Dok. “MZ9” u Dok. “MZ10”) a fol. 101 u 102 tal-process.

(f) Fixed Account Deposit No. 61 722 9234 li fit-13 ta’ April 2001 kien jammonta ghal Lm2,000 – (Dok. MZ 11 u Dok “MZ 12”) a fol. 103 u 104 tal-process.

(g) Fixed Deposit Account No. 61 722 8599 li fl-24 ta’ Marzu 2001 kien jammonta ghal Lm1,015.83. (Dok. “MZ13” u Dok. “MZ 14”) esebiti a fol. 105 u 106.

Illi xehed ukoll **Victor Galea** fis-seduta tal-10 ta’ Ottubru 2001 a fol. 72 tal-process fejn qal li l-pensjoni tieghu hija ta’ Lm150.08, li minnhom jinqatghu Lm35 fix-xahar. Rega’ xehed fit-18 ta’ Marzu 2002 fejn spjega li problemi kellu qabel iz-zwieg ma’ missier l-attrici u skond huwa dan ma riedx li huwa jizzewweg lil bintu u wara li zzewweg kien qal lill-attrici sabiex ma taghtix wicc izjed lil missierha; spjega x’kien gara meta tkellem ma’ missierha ghaliex martu kienet raqdet hemm u wara kompla jirrakkonta fuq il-problemi li kellu mal-familjari tal-attrici.

Illi l-istess konvenut kompla jixhed fis-seduta tat-8 ta’ April 2002 u sostna li kien jaghti l-paga kollha lill-mara, u minnhom kienet faddlet Lm30,000 il-bank, u kien ihallas ghall-isptar privat u skola t-tfal marru Saint Monica; kompla jispjega dak li huwa isejjah bhala indhil minn missierha, u fuq hekk kien l-izjed l-inkwiet u qal li darba laqatha f’ghajnejha ghaliex *“xejjirtilha daqqa”.* Hamsa u ghoxrin (25) sena qabel kien fekkikilha subajha; semma diversi ncidenti li kellu mal-familjari taghha. Sostna li d-dar tal-Mosta nxtrat waqt iz-zwieg xi (14) erbatax-il sena qabel; xtara ukoll ghalqa u jghid li dejjem hargu flimkien; qal li kien mar jahdem go *fish-farm*, u dejjem ta lil martu

manteniment, anzi kien jghidilha: *"onfoq kemm ikun hemm bzonn"*.

**(b) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illli mill-provi prodotti jirrizulta li l-azzjoni attrici dwar ir-responsabbilta' tas-separazzjoni ghandha tirnexxi *stante* li jirrizulta li hija kienet suggetta ghal snin twal ta' vjolenza mill-konvenut zewgha, u fil-fatt ix-xhieda taghha hija korroborata mix-xhieda tal-istess ulied il-kontendenti, kif ukoll mix-xhieda tal-persuni li kienu jiehdu hsieb ir-refugju ghan-nisa li jispiccaw barra mid-dar konjugali 'Merhba Bik".

Illi ovvjament din il-Qorti tikkundanna l-istess vjolenza domestika bla ebda riserva u lesta li tiehu l-provvedimenti opportuni fil-limiti tal-ligi, ghalkemm jidher li ghad sal-lum ma hawnx provvedimenti *ad hoc* fuq l-istess vjolenza domestika. Din hija verament hasra u *lacuna* serja fil-ligi, specjalment meta huwa car li bhala pajjiz sar hafna aktar konxju ta' din il-problema, izda jonqos li jkun hemm mezzi konkreti, kemm legali u kemm socjali, sabiex dan l-att illegali li jigi perpetwat fid-djar matriminonjali jigi verament u effettivament imrazzan u tinghata protezzjoni adatta lill-persuni vittmi tal-istess vjolenza.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li effettivament dan ma huwiex kontestat mill-konvenut, u dan almenu dwar certi ncidenti li gew rakkontati minnu, pero' dak li jikkundanna lill-konvenut, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, huwa l-fatt li l-konvenut ipprova jiggustifika dan l-agir tieghu minhabba l-inkwiet li huwa jidher li kellu mal-familjari tal-attrici, specjalment missier l-attrici; azzjonijiet ta' vjolenza u mohqrija qatt ma ghandhom jigu gustifikati, u certament li b'dan l-atteggjment il-konvenut ggrava s-sitwazzjoni tieghu, *stante* li ma jidhirx li ghandu xi rimors fuq dak li huwa fil-fatt jirrizulta li ghamel fil-konfront la ta' martu u lanqas ta' uliedu.

Illi l-Qorti zzid tghid li jista' jkun li l-istess konvenut hassu aktar minn urtat ghall-azzjonijiet ta' certu membri tal-familja tal-attrici, izda r-relazzjonijiet tal-istess konvenut

mal-familjari tal-attrici ma humiex is-suggett tal-kawza odjerna, li tikkoncerna r-relazzjoni tieghu mal-attrici fil-kuntest taz-zwieg, u certament li anke abbazi ta’ dak li l-istess konvenut allega, ma hemm l-ebda gustifikazzjoni ghalih ghall-atti ta’ vjolenza u mohqrija li huwa pperpetwa fil-konfront tal-attrici, u ghalhekk fid-dawl tal-premess l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut.

Illi dwar il-kwistjoni ta’ manteniment jirrizulta bla ebda dubju kwalunkwe li l-attrici ghandha d-dritt li tigi mantnuta mill-istess konvenut; *pendente lite* u b’decizjoni ta’ din il-Qorti kif diversament presjeduta moghti fit-30 ta’ Novembru 2000, l-istess attrici giet moghtija manteniment ta’ Lm85 fix-xahar u nofs il-*bonus* li jircievi l-konvenut; mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut jircievi l-ammont ta’ Lm150 fix-xahar bhala pensjoni u Lm94.44 fix-xahar bhala pagament mis-servizz socjali, li b’kollox jammontaw ghal Lm244 fix-xahar. Dawn l-ammonti ma gewx ikkontestati mill-konvenut, lanqas fir-risposta tieghu datata 17 ta’ Lulju 2002 ghar-rikors tal-attrici ghall-awment datat 26 ta’ Gunju 2002, u fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss, li l-attrici ghandha tigi ssominastrata manteniment ta’ mija u ghaxar liri fix-xahar b’effett mid-data ta’ din u s-sentenza u l-istess pagament jitnaqqsu direttament *at source* mill-pensjoni tal-konvenut u jintbaghtu mill-Awtorita’ li tohrog tali pagamenti lill-konvenut, direttament lill-konvenut, fl-indirizz li jigi ndikat lilhom mill-istess attrici, b’ittra apposita konsegwenti ghal din is-sentenza, b’dan li a spejjez attrici kopja formali ta’ din is-sentenza ghandha tigi notifikata lill-istess Awtoritajiet.

Illi dwar ir-raba’ talba attrici, minhabba l-mod vjolenti li l-konvenut agixxa konsistentement mal-attrici din il-Qorti thoss li ghandhom jigu applikati fil-konfront tal-konvenut id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 48 tal-Kap 16,** b’applikazzjoni tal-**artikoli 51 u 52 tal-istess Kap.**

Illi dwar il-hames talba l-Qorti tordna li l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet ghandha tigi ddikjarata xolta b’effett mid-data ta’ din is-sentenza, u tillikwida l-istess komunjoni billi tiddikjara li tikkonsisti fid-dar matrimonjali

“April Love”, Triq id-Delu, Mosta (kuntratt datat 19 ta’ Dicembru 1997), bl-ghamara formanti parti mill-komunjoni li hemm fiha, zewg porzjoniji divizi ta’ art, cjoe’ ghelieqi, konsistenti wahda fl-ghalqa “Tax Xwieki”, kontrada tal-Qasbi, fil-limiti ta’ B’kara u bicca ohra fil-kontrada ta’ Giarda, fil-limiti ta’ B’kara kif deskritti ahjar fil-kuntratt datat 16 ta’ Novembru 1990; *garage* numru 7 fi triq gdida privata bla isem li tizbokka fi Triq il-Htajriet fil-Mosta, sottopost u sovrapost ghall-*garages* akkwistat b’kuntratt datat 2 ta’ Ottubru 1998; karozza ‘Fiat’ akkwistata b’kuntratt tas-27 ta’ Mejju 1998, u diversi kontijiet bankarji konsistenti f’depoziti mal-Bank of Valletta plc fl-ammont totali ta’ Lm7,840.33 u konsistenti fis-segwenti:-

(a) *Interest Account No. 172 12730012 -* Lm840.33.
(b) *Fixed Deposit Account No.* 17212730025 – Lm5,000.
(c) *Fixed Deposit Account No.* 17212730038 – Lm2,000.

Hemm ukoll depoziti bankarji mal-HSBC plc. fl-ammont globali ta’ Lm11,200.84 li huma s-segwenti:-

(a) *Fixed Deposit Account* – HSBC No. 061 – 085684 – 105 fl-ammont ta’ Lm2,795.63 fid-data tal-21 ta’ Gunju 2001 - Dok. “MZ1”.

(b) *Fixed Deposit Account* – HSBC No. 61 718 2033 fl-ammont ta’ Lm2,130. – Dok. “MZ 2”.

(c) *Savings Account* – HSBC No. 61 427 0802 fl-ammont ta’ Lm959.38.fit-30 ta’ Lulju 2001 – Dok. “MZ 3” u Dok. “MZ 4”, “MZ5” u “MZ6”.

(d) *Fixed Deposit Account No.* 61 715 6059 li fit-3 ta’ Mejju 2001 kien jammonta ghal Lm1,000 – (Dok. “MZ 7” u Dok. “MZ 8”).

(e) *Fixed Deposit Account* No. 61 719 4686 li fis-16 ta’ April 2001 kien jammonta ghal Lm1,300 (Dok. “MZ9” u Dok. “MZ10”).

(f) *Fixed Account Deposit* No. 61 722 9234 li fit-13 ta’ April 2001 kien jammonta ghal Lm2,000.

(g) *Fixed Deposit Account* No. 61 722 8599 li fl-24 ta' Marzu 2001 kien jammonta ghal Lm1,015.83. (Dok. "MZ13" u Dok. "MZ 14").

Illi dan ifisser li depoziti bankarji hemm b'kollox (Lm7,840.33 + Lm11,200.84) Lm19,041.17 minbarra l-imghax li lahaq ukoll akkumula fuq l-istess.

Illi fid-dawl ta' dak kollu premess, u fl-isfond tal-provi prodotti din il-Qorti thoss li ghandha tassenja lill-attrici bhala sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti d-dar matrimonjali *"April Love",* Triq id-Delu, Mosta, bl-ghamara kollha li hemm go fiha, formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, u *Fixed Deposit Account No.* 17212730025 mal-Bank of Valletta plc fl-ammont ta' Lm5,000, u fil-*Fixed Deposit Account* No. 61 719 4686 mal-HSBC fl-ammont ta' Lm1,300; flimkien man-nofs l-interessi tad-depoziti bankarji kollha fuq elenkati li lahqu mmaturaw mill-ahhar darba li ngibdu sad-data ta' din is-sentenza, filwaqt li l-konvenut ghandu jigi assenjat bhala sehmu mill-istess komunjoni d-depoziti bankarji l-ohra kollha konsistenti fid-depoziti mal-Bank of Valletta plc f'*Interest Account No. 172 12730012 -* Lm840.33; u f'*Fixed Deposit Account No.* 17212730038 – Lm2,000; u mal-HSBC Bank Malta plc fid-depoziti konsistenti f'*Fixed Deposit Account* – HSBC No. 061 –085684 – 105 fl-ammont ta' Lm2,795.63; fil-*Fixed Deposit Account* – HSBC No. 61 718 2033 fl-ammont ta' Lm2,130; fis-*Savings Account* – HSBC No. 61 427 0802 fl-ammont ta' Lm959.38; fil-*Fixed Deposit Account No.* 61 715 6059 li fit-3 ta' Mejju 2001 kien jammonta ghal Lm1,000; fil-*Fixed Account Deposit* No. 61 722 9234 fl-ammont ta' Lm2,000; fil-*Fixed Deposit Account* No. 61 722 8599 fl-ammont ta' Lm1,015.83 u dan flimkien man-nofs tal-interessi bankarji kollha li lahqu mmaturaw fuq il-kontijiet kollha mill-ahhar darba li ngibdu sad-data ta' din is-sentenza; flimkien maz-zewg porzjonijiet tal-ghelieqi, konsistenti wahda fl-ghalqa "Tax Xwieki", kontrada tal-Qasbi, fil-limiti ta' B'kara u bicca ohra fil-kontrada ta' Giarda, fil-limiti ta' B'kara kif deskritti ahjar fil-kuntratt datat 16 ta' Novembru 1990; u l-*garage* numru 7 fi triq gdida privata bla isem li tizbokka fi Triq il-Htajriet fil-Mosta,

sottopost u sovrapost ghall-*garages* akkwistat b'kuntratt datat 2 ta' Ottubru 1998; u fl-ahharnett il-karozza 'Fiat' akkwistata b'kuntratt tas-27 ta' Mejju 1998.

Illi anke in vista tal-premess, il-hames talba ghandha tigi milqugha, kemm ghaliex l-istess konvenut kien hati ta' aggravi serji fil-konfront tal-attrici, u kif ukoll ghaliex l-istess dar matrimonjali qed tigi assenjata lill-attrici permezz ta' din id-decizjoni, b'dan li l-konvenut ghandu jivvaka lill-istess dar matrimonjali fi zmien qasir u perentorju ta' erbghin (40) gurnata mid-data ta' din is-sentenza.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet u dan peress li l-konvenut kien hati *verso* l-attrici ta' eccessi, mohqrija, sevizzi w ingurji gravi, u peress li kawza tal-istess il-hajja matrimonjali u konjugali giet resa mpossibbli.

2. Tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' mija u ghaxar liri (Lm110) fix-xahar b'effett mid-data ta' din s-sentenza u tordna li l-istess pagament ta' manteniment dovut lill-attrici jitnaqqas direttament *at source* mill-pensjoni tal-konvenut u jintbaghtu effettivament mill-Awtorita' li tohrog tali pagamenti tal-pensjoni lill-konvenut, direttament lill-attrici, fl-indirizz li jigi ndikat lilhom mill-istess attrici, b'ittra apposita minnha konsegwenti ghal din is-sentenza, b'dan li a spejjez attrici kopja formali ta' din is-sentenza ghandha tigi notifikata lill-istess Awtoritajiet.

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti gja' ezistenti bejn il-partijiet u dan b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

Tillikwida l-istess komunjoni billi tiddikjara li tikkonsisti fid-dar matrimonjali "April Love", Triq id-Delu, Mosta (kuntratt datat 19 ta' Dicembru 1997), bl-ghamara formanti parti mill-komunjoni li hemm fiha, zewg porzjonijiet divizi ta' art,

cjoe' ghelieqi, konsistenti wahda fl-ghalqa "Tax Xwieki", kontrada tal-Qasbi, fil-limiti ta' B'kara u bicca ohra fil-kontrada ta' Giarda, fil-limiti ta' B'kara kif deskritti ahjar fil-kuntratt datat 16 ta' Novembru 1990; *garage* numru 7 fi triq gdida privata bla isem li tizbokka fi Triq il-Htajriet fil-Mosta, sottopost u sovrapost ghall-*garages* akkwistat b'kuntratt datat 2 ta' Ottubru 1998; karozza 'Fiat' akkwistata b'kuntratt tas-27 ta' Mejju 1998, u diversi kontijiet bankarji konsistenti f'depoziti mal-Bank of Valletta plc fl-ammont totali ta' Lm7,840.33 u konsistenti fis-segwenti:-

*(a) Interest Account No. 172 12730012 -* Lm840.33.
*(b) Fixed Deposit Account No.* 17212730025 – Lm5,000.
*(c) Fixed Deposit Account No.* 17212730038 – Lm2,000.

Hemm ukoll depoziti bankarji mal-HSBC plc. fl-ammont globali ta' Lm11,200.84 li huma s-segwenti:-

*(a) Fixed Deposit Account* – HSBC No. 061 –085684 – 105 fl-ammont ta' Lm2,795.63 fid-data tal-21 ta' Gunju 2001 - Dok. "MZ1".

*(b) Fixed Deposit Account* – HSBC No. 61 718 2033 fl-ammont ta' Lm2,130. – Dok. "MZ 2".

*(c) Savings Account* – HSBC No. 61 427 0802 fl-ammont ta' Lm959.38.fit-30 ta' Lulju 2001 – Dok. "MZ 3" u Dok. "MZ 4", "MZ5" u "MZ6".

*(d) Fixed Deposit Account No.* 61 715 6059 li fit-3 ta' Mejju 2001 kien jammonta ghal Lm1,000 – (Dok. "MZ 7" u Dok. "MZ 8").

*(e) Fixed Deposit Account* No. 61 719 4686 li fis-16 ta' April 2001 kien jammonta ghal Lm1,300 (Dok. "MZ9" u Dok. "MZ10").

*(f) Fixed Account Deposit* No. 61 722 9234 li fit-13 ta' April 2001 kien jammonta ghal Lm2,000.

*(g) Fixed Deposit Account* No. 61 722 8599 li fl-24 ta' Marzu 2001 kien jammonta ghal Lm1,015.83. (Dok. "MZ13" u Dok. "MZ 14").

Konsegwentement tiddividi l-komunjoni tal-akkwisti billi tassenja lill-attrici bhala sehemha mill-istess komunjoni tal-akkwisti d-dar matrimonjali *"April Love",* Triq id-Delu, Mosta, bl-ghamara kollha li hemm go fiha formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, u l-*Fixed Deposit Account No.* 17212730025 mal-Bank of Valletta plc fl-ammont ta' Lm5,000, u l-*Fixed Deposit Account* No. 61 719 4686 mal-HSBC fl-ammont ta' Lm1,300 b'dan li l-istess kontijiet bankankarji ghandhom jigu ntestati mid-data ta' din is-sentenza fuq isem l-attrici; flimkien man-nofs l-interessi tad-depoziti bankarji kollha fuq elenkati li lahqu mmaturaw mill-ahhar darba li ngibdu sad-data ta' din is-sentenza.

Illi fl-istess waqt tordna li l-konvenut ghandu jigi assenjat bhala sehmu mill-istess komunjoni d-depoziti bankarji l-ohra kollha konsistenti fid-depositi mal-Bank of Valletta plc f'*Interest Account No. 172 12730012 -* Lm840.33; u f'*Fixed Deposit Account No.* 17212730038 – Lm2,000; u mal-HSBC Bank Malta plc fid-depoziti konsistenti f'*Fixed Deposit Account* – HSBC No. 061 –085684 – 105 fl-ammont ta' Lm2,795.63; fil-*Fixed Deposit Account* – HSBC No. 61 718 2033 fl-ammont ta' Lm2,130; fis-*Savings Account* – HSBC No. 61 427 0802 fl-ammont ta' Lm959.38; fil-*Fixed Deposit Account No.* 61 715 6059 li fit-3 ta' Mejju 2001 kien jammonta ghal Lm1,000;fil-*Fixed Account Deposit* No. 61 722 9234 fl-ammont ta' Lm2,000; fil-*Fixed Deposit Account* No. 61 722 8599 fl-ammont ta' Lm1,015.83 u dan flimkien man-nofs tal-interessi bankarji kollha li lahqu mmaturaw fuq il-kontijiet kollha mill-ahhar darba li ngibdu sad-data ta' din is-sentenza; flimkien maz-zewg porzjonijiet tal-ghelieqi, konsistenti wahda fl-ghalqa "Tax Xwieki", kontrada tal-Qasbi, fil-limiti ta' B'kara u bicca ohra fil-kontrada ta' Giarda, fil-limiti ta' B'kara kif deskritti ahjar fil-kuntratt datat 16 ta' Novembru 1990; u l-*garage* numru 7 fi triq gdida privata bla isem li tizbokka fi Triq il-Htajriet fil-Mosta, sottopost u sovrapost ghall-*garages* akkwistat b'kuntratt datat 2 ta' Ottubru 1998; u fl-ahharnett il-karozza 'Fiat' akkwista b'kuntratt tas-27 ta' Mejju 1998.

4. Tapplika kontra l-konvenut l-**artikoli 48 tal-Kap 16** *in toto* u dan b'applikazzjoni tal-**artikoli 51 u 52 tal-istess Kap.**

5. Tawtorizza l-attrici esklussivament sabiex tirrisjedi fid-dar konjugali fuq indikata bl-isem *April Love,* Triq id-Delu, Mosta, u tordna li l-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' erbghin (40) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jizgombra mill-istess fond.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------